MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2015

Numru. 174/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Andrew Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Andrew Tabone detentur tal-karta tal-identita` numru 471191(M).

Akkuzat talli:

> Nhar l-4 ta' Frar 2012 ghal habta tas-1.30am gewwa 'Ryans Pub' fi Triq Wied Ghomor, San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Kurt Cutajar f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura gravi, hekk kif iccertifika Dr Robert Patiniott, detentur ta' numru tar-registru mediku 1860 tal-Isptar Mater Dei

Rat l-ezami tal-imputat li fih ikkontesta l-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat sittax (16) ta' Frar 2012; u

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz it-trattazzjoni tal-partijiet.

**XHIEDA**

Semghet ix-xhieda tal-parte civile **Kurt Cutajar** li xehed illi fl-erba' (4) ta' Frar 2012 hu kien flimkien ma' hbieb tieghu u kien qed ikellem lil certa Rachel Cluet li sia hu u anke Andrew Tabone kienu johorgu maghha. Gara li dak il-hin

kien ghaddej l-imputat u fil-pront Kurt ghaddielu rimarka ***“awkward”*** u l-imputat irrispondieh bil-kliem ***“at least my dog doesn’t bite”.*** Ir-rejazzjoni ta’ Kurt kienet li qabadlu idejh b’certa sahha u fi kliem Kurt ***“hu beza’ u kellu tazza f’idejh u dar u tahieli bit-tazza”.***

Irrizulta li b’din id-daqqa ta’ tazza, Kurt Cutajar sofra minn griehi gravi gewwa mohhu kif kien iccertifikat minn **Dr. Robert Patiniott** esebit fl-atti peress illi fi kliemu kienet ***“ferita fuq in-naha tal-lemin below the hairline qisha 2.5centimetres twila, kienet bid-demm u ghamiltlu l-punti”.***

Xehdet ukoll **Rachel Cluett** li kienet it-tfajla li kienet qed tkellem lill-parte civile dak il-hin li nqala’ l-incident u hija xehdet illi vera li semghet lil Kurt jghid il-kelma “awkward”, izda wara li qalha din telqet minn hdejh u meta gara l-incident hija ma baqghetx hdejhom u ma rat xejn.

Finalment semghet ix-xhieda tal-imputat **Andrew Tabone** fis-seduta tal-10 ta’ Marzu 2013 fejn huwa spjega kif hu u l-parte civile Kurt Cutajar kienu hbieb kbar kwazi kibru flimkien u spjega wkoll illi huwa kien johrog ma’ tfajla Rachel Cluett u din darba wahda harget ukoll ma’ Kurt. Pero’ hu spjega li din il-haga ma tahiex wisq importanza u xorta wahda baqghu hbieb.

Spjega li ftit qabel l-incident hu kien qed jitkellem ma' Rachel Cluett u gie Kurt u qallu il-kelma "awkward". L-imputat jispjega illi Kurt kien xurban u meta dan ikun xurban jihdar ftit u jibda jparla zejjed. Beda jsaqsih fuq il-klieb tieghu b'ton sarkastiku u fil-pront l-imputat qallu l-kliem li l-klieb tieghu ma jigdmux. Spjega wkoll illi f'dak il-hin Kurt ghamel il-manuvra ta' idejh fejn qabadlu idejh bis-sahha u skont l-imputat; Kurt kien ser jaghtih daqqa. Kien f'dak il-hin li hu imbuttah u tah daqqa b'idejh. L-imputat jichad li dak il-hin kellu tazza f'idejn u tah daqqa biha.

Ikkunsidrat illi mill-assjem tal-provi hareg illi z-zewg partijiet involuti fil-kaz kienu hbieb sew. Illi pero` gara illi f'xi mument kienu qed johorgu mal-istess tfajla u din xi ftit jew wisq ikkrejat sitwazzjoni fejn huma kienu daqsxejn bierdin ma' xulxin.

Illi rrizulta wkoll illi ftit qabel l-incident l-imputat kien qed jitkellem ma' din it-tfajla Rachel Cluett meta avvicinhom il-vittma Kurt Cutajar. Illi hareg mix-xhieda tal-imputat illi Kurt Cutajar kien xi daqsxejn xurban f'dak il-mument u ghalhekk kien qed jghid xi kliem zejjed li ma kellux ghalfejn jghidhom.

Gara illi meta l-imputat raha illi kien ser jigi aggredit mill-parte civile, l-istint tieghu gaghlu jimbotta u jaghtih daqqa go wiccu. Huwa mmaterjali ghal finijiet

tac-cirkostanzi tal-kaz biex inghatat id-daqqa jekk hux b'tazza hekk kif qal il-parte civile, jew bl-id skont il-verzjoni tal-imputat. Dan ghaliex f'dan il-kaz l-imputat agixxa b'mod istantanju u sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-persuna tal-parte civile Kurt Cutajar, li f'dak il-mument kien qed izomm idejn l-imputat u filwaqt li jgholli jdejh sabiex (kif haseb l-imputat dak il-hin) jaghtih daqqa.

Illi ghaldaqstant il-Qorti thoss illi l-*mens rea* mehtiega ghal dan it-tip ta' reat kienet wahda mankanti fil-mohh tal-imputat waqt it-twettieq ta' dan ir-reat u ghalhekk mhux qed issib lill-imputat Andrew Tabone hati tal-akkuza kif dedotta kontrih stante li ma gietx ippruvata fil-grad li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------